**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 4 ta' Settembru 2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**(Spettur Antonello Magri)**
**(Spettur Kurt Farrugia)**
**(Spettur Keith Rizzo)**

**vs**

**Stephen Urry**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Stephen Urry, iben Martin u Bernardette née Attard, imwieled nhar is-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u disgħa u sebgħin (1979) ġewwa l-Pietà, residenti ġewwa 29, FL 1, Triq l-Isqof Pietru Pace, Paola, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 547079M.

Akkuzat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta bejn is-sitta u nofs ta' filgħodu (0630hrs) u s-sebgħa u kwart ta' filgħodu (0715hrs) ġewwa Triq is-Sorijiet, Paola, ikkommetta serq ta' basket tad-ditta Burberry, kartiera tad-ditta Gucci, karta ta' kreditu jew debitu maħruġa mill-bank kummerċjali APS, karta tal-identità bin-numru 0097389M, karta tal-E111, karta tal-liċenzja tas-sewqan, batterija esterna, ċavetta tal-fond sitwat ġewwa 199, 'Lelluxa', Triq Sammat, Tarxien, ċavetta li jitfħu l-vettura bil-pjanċi bin-numru tar-reġistrazzjoni ELN500, u nuċċali tax-xemx tad-ditta Burberry, għad-dannu ta' Elaine Caruana u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-"valur" li jeċċedi mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), kif ukoll bix-"xorta tal-ħaġa misruqa" stante li s-serqa ġiet kommessa fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura, u dan ai termini tal-Artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a), u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bejn is-sitta ta' filgħaxija (1800hrs) ta' nhar is-sitta u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u s-sebgħa u kwart ta' filgħodu (0715hrs) ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju ta' dik l-istess sena, ġewwa Triq il-Koppla, Fgura, ikkommetta serq ta' telefon ċellulari tad-ditta Nokia u flus kontanti li jammontaw għal madwar għaxar ewro (€10.00) għad-dannu ta' Saviour Caruana u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bix-"xorta tal-ħaġa misruqa" stante li s-serqa ġiet kommessa fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura, kif ukoll bil-"mezz" stante li s-serqa ġiet kommessa permezz ta' ksur ta' tieqa ta' vettura, u dan ai termini tal-Artikoli 261(b)(g), 263(a), 264(1), 271(g), u 278 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi tal-imputazzjoni preċedenti, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-Artikoli tas-Sub-Titolu IV tat-Titolu IX tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara lil jew għarraq vettura tal-għamla Toyota bil-

pjanċi bin-numru tar-reġistrazzjoni ABH769, liema vettura tappartjeni lil Saviour Caruana u/jew lil xi persuna/i oħra, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) iżda huwa iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250), ai termini tal-Artikolu 325(1)(b) tal-istess Kodiċi;

4. U aktar talli bejn il-ħamsa ta' filgħaxija (1700hrs) ta' nhar id-disgħa (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin u d-disgħa nieqes kwart ta' filgħodu (0845hrs) ta' nhar il-ħdax (11) ta' Awwissu tal-istess sena, ġewwa Joann Gardens, Tarxien, ikkommetta serq ta' nuċċali tax-xemx tad-ditta *Ray Ban* u flus kontanti li jammontaw għal madwar għoxrin ewro (€20.00) għad-dannu ta' Timothy Massa u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bix-"xorta tal-ħaġa misruqa" stante li s-serqa ġiet kommessa fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura, kif ukoll bil-"mezz" stante li s-serqa ġiet kommessa permezz ta' ksur ta' tieqa ta' vettura, u dan ai termini tal-Artikoli 261(b)(g), 263(a), 264(1), 271(g), u 278 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi tal-imputazzjoni preċedenti, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-Artikoli tas-Sub-Titolu IV tat-Titolu IX tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara lil jew għarraq vettura tal-għamla *Ford* bil-pjanċi bin-numru tar-reġistrazzjoni JGV407, liema vettura tappartjeni lil Timothy Massa u/jew lil xi persuna/i oħra, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) iżda huwa iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250), ai termini tal-Artikolu 325(1)(b) tal-istess Kodiċi;

6. U aktar talli nhar il-ħdax (11) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn in-nofs siegħa ta' filgħodu (0030hrs) u s-sitta ta' filgħodu (0600hrs) ġewwa Triq Maggie Moran, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-Artikoli tas-Sub-Titolu IV tat-Titolu IX tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara lil jew għarraq vettura tal-għamla *Toyota* bil-pjanċi bin-numru tar-reġistrazzjoni BBL128, liema vettura tappartjeni lil Noel Carabott u/jew lil xi

persuna/i oħra, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) iżda huwa iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250), ai termini tal-Artikolu 325(1)(b) tal-istess Kodiċi;

7. U aktar talli nhar il-ħdax (11) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn in-nofs siegħa ta' filgħodu (0030hrs) u s-sebgħa ta' filgħodu (10700hrs), ġewwa Triq Marija Addolorata, Paola, ikkommetta serq ta' flus kontanti, tabakk u *portable global broadcast service* għad-dannu ta' Charlton Gatt u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bix-"xorta tal-ħaġa misruqa" stante li s-serqa ġiet kommessa fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura, bil-"ħin" stante li s-serqa ġiet kommessa wara nżul ix-xemx, kif ukoll bil-"mezz" stante li s-serqa ġiet kommessa permezz ta' ksur ta' tieqa ta' vettura, u dan ai termini tal-Artikoli 261(b)(f)(g), 263(a), 264(1), 270, 271(g), u 278 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi tal-imputazzjoni preċedenti, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-Artikoli tas-Sub-Titolu IV tat-Titolu IX tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara lil jew għarraq vettura tal-għamla *Kia* bil-pjanċi bin-numru tar-reġistrazzjoni HBZ215, liema vettura tappartjeni lil Charlton Gatt u/jew lil xi persuna/i oħra, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) iżda huwa iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250), ai termini tal-Artikolu 325(1)(b) tal-istess Kodiċi;

9. U aktar talli naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-digriet tagħha ta' nhar il-ħmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) li bih tatu l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. U aktar talli irrenda ruħu reċidiv ai fini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Din il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reat jew reati hawn fuq imsemmija, tħaddem kontra l-imputat id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A, 23, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tal-21 t' Awwissu 2024 il-partijiet prezentaw *seduta stante* rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, fejn iz-zewg rikorrenti konguntivament, iddikjaraw illi jiftiehmu u jitolbu lil din il-Qorti sabiex f'kaz li l-imputat jiddikjara ruhu hati, din il-Qorti tapplika mal-imputat il-piena ta' tlett (3) snin prigunerija effettiva.

5. Rat illi fl-istess seduta, din il-Qorti iddikjarat illi hija sodisfatta illi s-sanzjoni fir-rikors kongunt hija tali illi jkun legittimu li hija timponi mas-sejbien tal-htija ghar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-htija.

6. Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car xi jkunu l-konsegwenzi f'kaz li hu jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

7. Sussegwentement fl-istess seduta, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu;

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

9. Rigward il-piena, il-Qorti diga iddikjarat li hija ser titlqa' t-talba tal-partijiet fil-rikors kongunt taghhom ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, ipprezentat fis-seduta tal-21 ta' Awwissu 2024.

**Konkluzjoni**

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

   1. Wara li rat l-Artikoli 261(c)(g), 267, 271(g),279(a), 280(1), 261(b)(g), 263(a), 264(1), 271(g), 278, 325(1)(b), 261(b)(g), 263(a), 264(1), 271(g), 278, 325(1)(b), 325(1)(b), 261(b)(f)(g), 263(a), 264(1), 270, 271(g), 278, 325(1)(b), 579(2), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghall-piena ta' tlett (3) snin prigunerija.

10. Il-Qorti tiddikjara li din is-sentenza qieghda tigi hekk moghtija fuq talba tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**